C/2024/4400

8.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11548 – BLACKSTONE / WINTHROP TECHNOLOGIES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4400)

1. Fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Winthrop Technologies Holdings Limited ("Winthrop Technologies", l-Irlanda).

Blackstone se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv indirett ta' Winthrop Technologies kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Blackstone hija maniġer tal-assi alternattivi globali,

— Winthrop Technologies hija fabbrikant ta' ċentri tad-*data* li jipprovdu soluzzjonijiet għaċ-ċentri tad-*data* turnkey għall-klijenti fl-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11548 – BLACKSTONE/WINTHROP TECHNOLOGIES

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/IL-BELĠJU

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.